MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 5 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**AB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **AB** talli nhar l-01 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), nhar it-30 ta' Ġunju, 2019 għall-ħabta tal-kwarta ta' filgħodu (00:15hrs) u fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa fil-fond XYZ:

1. B'diversi atti magħmula minnu li ġew magħmula fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bl-imġiba tiegħu kkaġuna lil CD l-biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar l-01 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) fl-istess lok imsemmi hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta' 40 Ewro, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-lok u li sar għad-dannu ta' CD;

3. U aktar talli nhar l-01 ta' Lulju 2019 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) u fil-ġimgħat ta' qabel waqt li kien fl-istess lok imsemmi hawn fuq imsemmi bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra fil-Kodiċi Kriminali;

4. U aktar talli nhar it-30 ta' Ġunju, 2019 għall-ħabta tal-kwarta ta' filgħodu (00:15hrs), u fiż-żminijiet ta' qabel fil-fond XYZ għamel lil CD inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurjaha b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

6. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija titratta mal-ħati bħala riċediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà ta' CD jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biza' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi ghall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija però ghandu fedina penali mhux daqshekk felici. Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat ghandu problema tal-vizzju tad-droga.

Illi l-Qorti wara hadet dan kollu inkonsiderazzjoni hija disposta li taghti lill-imputat cans jigi fuq saqajh, jekk huwa jrid. Ghalhekk se tkun qieghda tpoggih taht Ordni ta' Probation biex jigi segwit u ggwidat kif jista' jtejjeb hajtu. Però jekk jahli dan ic-cans li qieghda taghtih il-Qorti, imbaghad dawn il-Qrati ma jkollhom l-ebda alternattiva ohra hlief li jitrattaw mieghu mod iehor.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 222A, 251B (1), 261, 268 (b), 269 (g), 289, 339 (l), 340 (d), fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **AB** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoggih taht **Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

In oltre l-Qorti qieghda tohrog **Ordni ta' Protezzjoni favur CD** ghal zmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment ma' din is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem car lill-hati il-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation u/jew f'kaz li huwa jikser xi kundizzjoni tal-Ordni ta' Protezzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur